MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 382/2014

**John sive Johann Said**

**vs**

**Floriana Football Club (Numru ta’ registrazzjoni mal-Kunsill Malti ghall-Isports KMS C015)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Floriana Football Club li permezz tieghu ghar-ragunijiet fih imfissra, intalbet din il-Qorti biex:

Tirrevoka u thassar il-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Nurmu 555/2014 kif ukoll il-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju 556/14 fl-ismijiet John sive Johann Said (309470M) vs Floriana Football Club (Numru ta’ Registrazzjoni mal-Kunsill Malti ghall-Isports KMS C015), a tenur tal-artikoli 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Tikkundanna lir-rikorrent John sive Johann Said ihallas penali ta’ mhux anqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa’ mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (6,988.12) li jmorru ghand il-Floriana Football Club stante li t-talba tar-rikorrent tal-Mandati oderni John sive Johann Said ghall-hrug tal-Mandat ta’ Sekwestru u tal-Mandat ta’ Qbid kontra l-Floriana Football Club hija wahda li saret b’malizzja, hija ghal kollox frivola jew vessatorja (artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, in difett li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ l-ewwel u/jew it-tieni talba tar-rikorrent, tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u tornda lir-rikorrent tal-Mandati oderni John sive Johann Said sabiex jaghti, fit-terminu qasir u perentorju li din il-Qorti joghgboha tipprefiggi, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista’ tigi mposta u ta’ danni u imghax u fin-nuqqas li tinghata garanzija fit-terminu ordnat tnehhi l-mandat premess.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrent ghad-danni naxxenti mill-mandat premess.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota responsiva ta' John sive Johann Said li ghar-ragunijiet moghtija sostna li t-talba ta' Floriana Football Club ghandha tigi michuda.

In linea ta' principju ghandu jigi enfasizzat illi d-dritt ta' kreditur li jikkawtela l-interessi tieghu sakemm id-dritt sostanstiv jigi definittivament determinat fil-proceduri fil-mertu m'ghandu qatt jitwarrab leggerment.

Inoltre qed jigi enfasizzat ukoll illi kull ezami li taghmel il-Qorti fi proceduri ta' din ix-xorta huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn bl-iskrutinju profond jibqa' essenzjalment rizervat ghall-kawza fil-mertu.

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Galea vs Lewis (29 ta' Lulju 2005) u l-gurisprudenza fiha citata.

Il-Club rikorrenti f'dawn il-proceduri jibbaza t-talba tieghu fuq l-Art. 836(1)(d) u/jew (f) li testwalment jipprovdu ghal tali thassir meta jinstab illi:

*"(1)(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Ir-ragunijiet li gew moghtija sabiex jiggustifikaw it-talba odjerna ta' Floriana Football Club kollha jimpurtaw studju dettaljat u akkurat tal-mertu tal-vertenza ezistenti bejn il-partijiet, ezercizzju dan li jmur oltre l-parametri tal-proceduri odjerni. Il-Qorti qeghda taghmel dan il-konsiderazzjoni partikolarment ghall-kwistjoni tal-validità o meno tal-iskrittura datata 15 ta' Mejju 2012 u c-cirkostanzi kollha dwarha. Il-Qorti ghalhekk ma ssibx li jezistu l-elementi rikjesti mill-ligi li jwassluha thassar il-mandati kawtelatorji. Ghaldaqstant, lanqas ma hija gustifikata l-imposizzjoni ta' penali.

Floriana Football Club qed jitolbu lil din il-Qorti timponi garanzija ghall-hlas ta' penali u danni.

Il-Qorti ma ssib ebda raguni li twassalha timponi garanzija li tista' tkun mod iehor li, fic-cirkostanzi, jista' jasal biex ixekkel dritt ta' kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu kif taghtih il-ligi. Wara kollox kull mandat jinhareg bir-responsabbilità pjena ta' min jitolbu.

Ghalhekk anke t-talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija qeghda tigi michuda.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-Floriana Football Club kontenuti fir-rkors tat-2 ta’ Mejju 2014.

L-ispejjez jithallsu minn Floriana Football Club.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------